# 70 Sena Ilu
# Assunta Rebbieħa, Konvoj Rebbieħ

Adrian Zahra


Victory Kitchen

Kemm jgħaddu snin u kollox jintesa qisu qatt ma kien xejn u kemm-il darba naħsbu aħna ż-żgħażagħ minn xhiex tgħaddi jekk tkun fi stat ta' gwerra. ġuħ, għaks, bogħod mill-familja u qerda ta' pajjiżek? Naħseb ftit li xejn nimmaginaw ir-rwieħna f'dan l-istat. Nimmagina li missirijietna ftit ħasbu f'dan il-qasam però qabel daqu l-ewwel esperjenza li seħħet fuq din l-art nhar 11 ta' Ġunju tal-1940, iżda f'ħafna postijiet oħra l-attakki kienu bdew fis-sena 1939. Minn hemm bdew jgħixu dawn l-erba' kelmiet u mhux jaħsbu fuqhom.

Minn dik il-ġurnata sewda sa Awwissu tas-sena 1942 Malta dejjem kompliet sejra lura, kemm mill-attakki, nies immutu, bini jiġġarraf speċjalment il-knejjes li kienu l-għaxqa tal-Maltin u ir-risorzi kienu kważi spiċċaw u l-poplu beda jasal fi stat ta' ġuħ u paniku kbir. Barra dan kollu l-Ingliżi ħasbu li Malta kien ser ikollha ċċedi jekk ma jasalx xi konvoj. Xi tbatija hux vera ħbieb, meta seta' jfarraġ lil missirijietna jekk mhux Ommna Marija flimkien mal-Qaddisin li l-Maltin minn dejjem ħabbew. Kulħadd jitlob u jinterċedi għas-salvazzjoni ta' din il-ġżira mill-għadu qalil li kellha.

F'Ġunju 1942 żewġ konvojs ma kellhomx suċċess mixtieq mill-Ingliżi lejn Malta li kienu "Operation Vigorous" u "Operation Harpoon, għalhekk bdew jittieħdu xi passi meħtieġa u l-Prim Ministru Ingliż Winston Churchill talab lill-President Amerikan Theodore Roosevelt li jipprovdi żewġ tankers taż-żejt biex jntbagħtu lejn Malta bħala parti minn konvoj u l-Ohio kien fost dawn it-tankers. Bdiet l-Operazzjoni Pedestal (Operation Pedestal). 14-il bastiment irħewlha lejn il-Ġżira Maltija biex iwasslu ħwejjeġ, ikel, xorb, prodotti tal-ħasil, u bosta prodotti neċessarji oħra kif ukoll l-iktar wieħed important tanker bl-isem Ohio mgħobbi biż-żejt li tant kellu użu f'din il-ġlieda tal-art tagħna. Il-Konvoj kien jikkonsisti xejn inqas minn 85, 000 tunellata ta' provisti, provisti li kienu mistennija s-servu erba' xhur.



Mappa ta' Operation Pedestal

Il-Kmand ta' din l-operazzjoni kien Vice Admiral Syfret minn fuq il-bastiment tal-gwerra Nelson. Flimkien ma' bastiment ieħor bħalu, ir-Rodney, kienu nġabbru apposta għal din l-operazzjoni minn Scapa Flow u l-Baħar Artiku. Tliet biċċiet oħra tal-baħar li jġorru l-ajruplani ngħaqdu ma' dawk imsemmija li kienu Victorious, l-Indomitable A u l-Eagle. Victorious kienet qed iġġorr 38 ajruplan oħra tat-tip Spitfire lejn Malta.

## L-14-il vapur

Dawn kienu fost l-aqwa li kien hawn dak iż-żmien. Ħdax minhom kienu vapuri Ingliżi, tnejn Amerikani u l-ieħor kien mibni l-Amerika imma kellu ekwipaġġ tiegħu Ingliż. Dan kien l-Ohio kien tanker modern u ġie magħżul appostta għal din l-operazzjoni minħabba l-ħeffa tiegħu u għax seta' jġorr iktar minn 10, 000 tunnellata ta' fuel, żjut u oħra meħtieġa għan-Navy u l-Air Force f'Malta, kif ukoll għall-pompi tal-ilma, li jekk kienu jieqfu kienet tieqaf ukoll il-provista tal-ilma f'Malta.


L-bastimenti tal-flotta ingliża jippreparaw għall-Konvoj

Hawnhekk tajjeb nsemmu dwar l-Ohio, li fis-snin 20 u 30 kien hemm kwistjoni jekk bastimenti kellhomx jibqgħu jinbnew bir-'rivets' jew tibda tiġi adottata sistema ġdida tal-'welding'. L-Ohio mibni fi żmien dan l-perjodu ta' tibdil inbena b'dan iż-żewġ metodi mehmużin flimkien, għalhekk kien b'saħħtu, iżda dan narawh iktar 'il quddiem.



# Il-Konvoj f'wiċċ il-Mediterran u fl-għajnejn l-għadu

Ħamest ijiem biss kien jonqos għall-Għid tal-Assunta meta fil-baħar mediterran feġġew 13-il vapur. L-iskorta kienet komposta minn żewġ 'battleships', seba' 'cruisers', tliet 'aircraft carriers' u tmien sottomarin, s'issa kollox kien jidher ward u żahar.

Il-Konvoj għadda mill-fliegu ta' Ġibiltà għall-Baħar Mediterran bejn il-lejl tal-10 u 11 t'Awwissu 18-il sottomarin Taljan flimkien ma' tliet Ġermaniżi kienu qegħdin jistennew il-konvoj bejn Ġibiltà u Malta lesti biex jattakkaw. Kien hemm ukoll 784 ajruplan Ġermanizi u Taljani biex jidħlu jattakkaw ukoll. 23 lanċa li jisparaw it-torpedoes flimkien mal-bastimenti kbar tal-gwerra li kienu jiffurmaw il-flotta Taljana kienu għal-lest ukoll kontra l-konvoj. Beda l-attakk u l-ewwel vittma minn idejn il-Ġermaniżi u t-Taljana kien il-bastiment li jġorr l-ajruplani l-Eagle, dan bis-saħħa tas-Sottomarin Ġermaniż U73, li irnexxilu jaqsam min-nofs il-bastiment Ingliż u spara erba' torpedoes lejn l-Eagle u laqat bl-erba' li huma. Ftit minuti wara nqaleb u għereq, minkejja dan kollu xi 900 mill-1,100 mill-ekwipaġġ li kellu fuqu ġew salvati. Id-destroyer Ingliż Wolverine għarraq is-sottomarin Taljan Dagabur.



SS Waimarama jisplodi

L-ewwel attakk mill-ajru beda wkoll sitta u għoxrin ajruplan Ġermaniż beda xogħlu fuq il-konvoj, iżda dan l-attakk ġie mreġġa' lura mill-kanuniera abbord il-bastimenti. L-Attakki ta' filgħodu sfaċċaw fix-xejn ukoll. F'nofsinhar kien imiss attakk qawwi minn 70 ajruplan bomber skortati minn ajruplani tal-ġlied. Victorious ġie milqut sew f'dan l-attakk imma l-ħsara kienet ftit. Id-Deucalion ġarrab ħsarat kbar u għereq f'dan l-attakk. Cobolto sottomarin Taljan ġie mgħerraq bis-saħħa tal-bastiment Ingliż Ithuriel. Attakk ieħor fetaħ f'inżul ix-xemx din id-darba d-Destroyer Foresight messietu x-xorti ħażin li jkun taħt l-ilma, u bomba splodiet fuq il-gverta tal-Indomitabel. L-Ajruplani tal-Indomitable kienu fl-ajru għalhekk kellhom jinżlu fuq il-Victorious, l-uniku bastiment tal-ajruplani li kienu għadu f'wiċċ l-ilma u jiffunzjona. Il-Kmand tal-konvoj issa għadda f'idejn l-Ammiral H. M. Burrough li kien fil-cruiser Nigeria, dan għaliex fil-pjan imfassalfuq dan l-konvoj, il-bastimenti kbar Ingliżi wasslilhom il-ħin li jirritornaw lura minn fejn ġew. Għalhekk issa bdew l-agħar attakku fuq dan l-Operazzjoni Pedestal. Is-Sottomarin Taljan Axum irnexxillu jolqot tliet vapuri, in-Nigeria l-bastiment tal-Kmandant Ammirall kellu jdur lura lejn Ġibiltà. Għalhekk l-Ammirall ittrasferixxa ruħu fuq id-Destroyer Ashanti. Il-Cruiser Cairo intlaqat ukoll u spiċċa taħt l-ilma, Ohio it-tanker tant bżonnjuż intlaqat ukoll mill-għadu. Ħa n-nar imma kkontrolla ruħu ftit wara u seta' jkompli it-triq tiegħu lejn ġżiritna.



Aircraft carriers li kienu qed jiskortaw il-konvoj fi triqthom lejn Malta

Konfuzjoni sħiħa qamet bejn l-vapuri tal-konvoj wara dan l-attakk aħrax, il-vapur jduru biex jipprovaw ma jintlaqtux u jevitaw iktar ħsarat. Ma tantx damu fl-ordni tajba meta madwar 100 ajruplan bomber feġġew fis-smewwiet. Kien imiss li jgħerqu tnejn minn din l-flotta, li kienu Empire Hope u Clan Ferguson. Brisbane Star u Kanya ntlaqtu mis-sottomarin Taljan Alagi, għalkemm milquta setgħu jkomplu l-vjaġġ. Għalkemm għaddew minn dan kollu il-kbir kien għadu ġej fuq l-konvoj.



Il-bastiment Sant Elisa jintlaqgħat u jiġi mgħerraq

L-Għid tal-Assunta kien fil-qrib ukoll kien il-lejl sajfi bejn it-12 u t-13 t'Awwissu meta l-flotta tal-konvoj kienet qrid ferm il-bażijiet Taljani meta wasal attakk minn 10 laneċ Taljani u Ġermanizi, li ħasad għal kollox lill-Operazzjoni Pedestal, għax kien għall-għarrieda. Dan l-attakk tant b'saħħtu mill-għadu tagħna li kellhom ix-xorti jaslu sa kwazi 50 jardi biss 'il bogħod mill-bastimenti tal-merkanzija u rnexxilhom jgħerrqu tnejn Amerikani li kienu Sant Elisa u Almeira kif ukoll tnejn Ingliżi li kienu Wairangi u Glenorchy. Irnexxielu



Il-Bastiment merkantili Dorset taħt attakk qawwi nhar it-12 t'Awwissu 1942. Ftit wara ġie mgħerraq ftit 'il bogħod mill-kosta ta' Malta

jibqa' sejjer Rochester Castle wara li ntlaqat minn torpedo. Min jaf it-talb tal-Fidi u d-Devoti Maltin kif kien jinstema mill-erbat irjieħ tal-gżira tagħna, quddiem il-Maltin Marija kellha tkun is-salvatur tagħhom inkella ħadd.

Għadda dan il-lejl u sebħet ġurnata oħra tat-13 tax-xahar fejn it-tranġaw ftit il-bastimenti milquta biex ikunu jistgħu jkomplu jbaħħru lejn il-Port il-Kbir, il-Cuiser li ġie abbandunat u mgħarraq kien Manchester li ġarrab ħsarat kbar. Wieħed jista' jimmaġina kif kienu bla saħħa l-baħħrin abort minħabba l-vjaġġ twil u kiefer li kellhom, il-ħsieb jekk ser tasalx ħaj ukoll iħallik bla saħħa. Maż-żerniq ta' dan il-jum reġgħu feġġew ajruplani tal-għadu għal battalja oħra u bdew l-ewwel attakki. Din l-għodwa rat lil Waimarama jiġi milqut, u ftit wara sar fjamma waħda minħabba li kellu ħafna petrol li għamluh fjamma waħda. Ħafna petrol żejt infirex f'wiċċ il-baħar u kompla iżid in-nar ma' dan l-bastiment. Melbourne Star bastiment mgħobbi b'ħafna laned tal-petrol u balal, xorti tajba ridet li għadda b'wiċċ il-ġid għajr għaż-żebgħa li tqaxxret minħabba n-nirien qawwi li kien hemm fil-qrib f'wiċċ l-ilma.


Il-Brisbane Star kien ir-raba' bastiment li daħal fil-port ta' Malta nhar l-14 t'Awwissu

Reġa' ġie milqut it-tanker Ohio fost tliet vapuri tal-merkantili ġew milquta. L-Ohio ġie milqut minn żewġ ajruplani Ġermaniżi li baqgħu deħlin ġo fih, wieħed kien JU88 u ieħor stuka. It-Tmiem deher qrib għal dan it-tanker hekk kif ftit wara waqqfu għal kollox il-magni, iżda l-istorja kellha tkun mod ieħor favur pajjiżna. Ġie milqut ukoll id-Dorset li kellu jiġi mgħarraq.



L-iscore board tas-suċċess tal-ajruplani tal-HMS Indomitable. Din turi kemm waqgħu ajruplani tal-Axis waqt vjaġġ

Il-Konvoj ġie ridott għal tliet vapuri biss wieħed minnhom b'nar fuqu, żewġ vapuri oħra rħewla lejn Malta għal rashom minħabba l-ħsarat kbar li kellhom u barra dan il-konvoj kien hemm it-tanker Ohio li kien qed jitħabat bejn sema u ilma, u jistenna l-għajnuna biex forsi jiġi assistit lejn il-port Malti. Il-Vjaġġ kien faddallu 90 mill biex ikun mitmum. Iżda seħħ attakk ieħor u kellu jiġu milqut il-Kemya imma b'xorti tajba kompla l-vjaġġ.

Aħbar ġriet bejn il-baħrin li t-Taljani ma setgħux jiċċaqalqu minħabba nuqqas ta' fuel, filwaqt li l-bastimenti żgħar bħal cruisers u destroyers ġew ikkmandati jattakkaw il-konjov mingħajr skorta tal-ajru bħala protezzjoni, din kienet deċizzjoni wisq zbaljata min-naħa tal-għadu. Battalja oħra kienet qed isseħħ oħra fuq l-art Taljana, bejn Ammirall Taljan Riccardi u Wiechold Field Marchal Kesserlin u l-Ġeneral Fougier fuq in-naħa l-oħra, l-kwistjoni kienet dwar mingħandu jingħata l-protezzjoni tal-ajruplani bombers? Kwistjoni li ma kinetx faċli tissolva għalhekk daħal Marixxall Cavallero li poġġa l-istess mistoqsija lil Mussolini, li mar favur li l-ajruplani tal-ġlied jintużaw bħala skorta mal-ajruplani bombers deċiżjoni li kienet ferm ħażina min-naħa tal-għadu u favur l-Maltin. Dan għaliex li l-attakki bl-ajruplani ħallew ftit effett fuq l-kumplament tal-konvoj f'wiċċ l-ilma, il-vapuri Taljani bl-iskorta tal-ajruplani magħhom kienu jkunu kapaċi jħarbtu dak kollu li kien fadal mill-konvoj.

Kif il-konvoj kien ferm viċin ix-xtut Maltin, ir-Royal Air Forca bdew jħaddmu ċertu manuvri ta' sparer ta' flares billejl u jintbagħtu messaġġi foloz biex jinqabdu mill-għadu li kienet ser tibda kinsa bl-ajru bejn Malta u Sqallija, din il-manuvra rnexxiet għax il-bastimenti Taljan ġew ordnati jaħarbu lura, iżda sottomarin Ingliż P42 taħt il-kmand ta' Lt. ACG Mars irnexxielu jgħamel ħsarat kbar fuq l-cruisers Bolzano u Muzio Attendolo. Il-ħsara tant kienu kbar li dawn biex issewwew sa Settembru tal-1943. B'hekk seħħ l-aħħar attack mill-ajru fejn ġew mgħarrqa żewġ vapuri. Malta lgħaqet l-ewwel Bastiment nhar il-Ħamis 13 t'Awwissu 1942 fil-5:30pm MV Rochester Castle immexxi mill-Kaptan Richard Wren nofs siegħa wara daħal fil-Port MV Melbourne Star immexxi mill-Kaptan David Rattray MacFarlane, għaddiet nofs siegħa oħra Malta laqtgħet it-tielet bastiment MV Port Chalmers mill-Kaptan Henry George Pinkney. Ir-Raba' bastiment daħal lejlet l-Għid tal-Assunta fl-erba u kwart ta' wara nofsinhar li kien immexxi mill-Kaptan Frederick Neville Riley dan il-bastiment kien MV Brisbane Star. Kien mistenni jgħerreq l-aktar tanker important li kien biss 70 mil bogħod mix-xtut Maltin għall-ħażna ferm importanti għall-Maltin.


SS Ohio jidher ma' żewġ destroyers biex jgħinuh ikompli fi triqtu lejn Malta wara li ntlaqat severament.

Ġie assistit lejn il-port Malti minn żewġ destroyers Penn u Ledbury kif ukoll minesweeper Rye. Iżda kellha tgħaddi ġurnata oħra u fil-gżira Maltija feġġet il-ġurnata tas-Sibt 15 t'Awwissu x'ferħ ħass il-Poplu Mati hekk kif ftakar li f'dan il-jum Ommna Marija rebħet id-dnub u ġiet imtajjra lejn is-smewwiet bir-ruħ u l-ġisem iżda x'ferħ ħassu iktar missirijietna meta fis-seba' ta' fil-għodu semmgħu leħħinhom il-qniepen tal-knejjes madwar il-port u ħabbru r-rebħet ta' Malta minn taħt idejn l-għadu. Kif dewwa l-Port bl-għajta ta'

Viva Santa Marija, it-talb issa kien bħall-ward ifuħ ferrieħi quddiem Marija jirringrazzja ta' kemm interċediet għalina quddiem Alla, flimkien mall-qaddisin, għamlulha wegħda dak il-ħin li dan il-jum ser jibqgħu jħarsuh sakemm it-tulu ż-żminijiet. Ma Malta ġriet l-aħbar li l-Kaptan Dudley William Mason irnexxilu flimkien ma' sħabu jankra l-SS Ohio tal-Port Malti. X'ferħ ħassaw l-Ingliżi u l-Maltin li ħonqu l-Port u min jaf kemm ferħu l-baħrin flimkien mal-kaptan li rnexxilhom jiskoppaw lill-għadu. L-Ohio kellu ħsarat kbar tant li fl-1946 ġie deċiż li ma jissewwiex u jiġi mgħerraq minn Navy Ingliza. Il-wasla tal-Ohio kienet tfisser għeluq tal-Operazzjoni Pedestall u l-ħażna tiegħu ġiet ikkalkulata li sservi sa Diċembru.



SS Ohio jidher dieħel il-port il-kbir, fejn kien ifisser is-salvazzjoni ta' din il-gżira

Hawn nuqqas ta' qbil jew iktar minn hekk informazzjoni ta' kemm-il tunnellata ta' merkanzija waslet f'Malta permezz tal-konvoj ta' Santa Marija. Referenza tgħid li bejn 50,000 u 55,000 tunellati ta' merkanzija waslu Malta. Oħra tgħid li mill-port ta' Clyde tgħabbew 85,000 tunellata ta' merkanzija, fil-port ta' Malta daħħlu biss 32, 000 tunellata mhux inkluża t-tagħbija tal-Ohio li kellu fuqu 10,000 tunellata. Però l-aktar waħda li tinsab miktuba hija li 53, 000 tunellata daħlu fil-mediterran mill-85, 000 tunellata li bdew il-vjaġġ, però f'Malta daħlu biss 32,000 tunella mit-85,000 tunellata.



Titniżżel il-merkanzija minn fuq il-bastiment SS Ohio f'Sant'Angelo

Issa kemm daħħlu ma tantx jgħamel effett l-importanti li Ommna Marija Assunta provdiet merkanzija bizzejjed lil Maltin biex ma ċċeddux l-armi. Meta tara it-telf kollu li ġarrbet din l-operazzjoni tasal għall-konkluzjoni li l-għadu rebat f'din il-battalja qalila fuq il-baħar, iżda jekk wieħed jikkonsidra l-merkanzija li rnexxielha tidħol fl-art Matlija u ser iżżomm lil din l-art tibqa' tiġġieled għal tliet xhur malajr jitlaq id-dubju ta' min rebaħ. Li kieku l-Ġermaniżi u t-Taljani ma ħadux dawk l-iżbalji lejn l-aħħar tal-ġlieda forsi l-istorja kienet tkun iktar favur tagħhom. L-Ohio li kieku ġie mgħerraq kien iħalli effett fuq il-korsa ta' gwerra fil-Mediterran.

## Wara l-Konvoj

Issa ma jfissirx li l-problemi f'Malta spiċċaw anzi kuntrarju t'hekk, nsibu li r-razzjon tal-Maltin kompla niżel ras għar-ras u tant kien f'livell baxx li fl-Ingilterra qatt ma ntlaħaq. Fil-Ġreċja li kien okkupata mill-kolonja Ġermaniża r-razzjon tal-ikel ferm aħjar minn dak tal-Maltin.

Għaddew is-snin u ġerrbu iż-żminijiet u din l-istorja niftakar lin-nannu jgħidili fejn kien mar huwa stess il-port jara l-Konvoj dieħel u jgħajjat Grazzi lill-Madonna li ħelsithom minn bosta tbatijiet għalkemm ir-razzjon kien għadu. Iżda l-ftit fejn ix-xejn huwa ħafna. Dan s'issa aħna qatt ma doqna dan l-imrar tant ikrah. Min jaf kemm in-niċċa tiegħek kienet sabiħa Marija Assunta f'dan it-tempju Maestuż ta' Ħal Għaxaq forsi mhux bin-nar u l-armar tat-toroq iżda bit-talb ta' wlied l-għaxqin. Min jaf kemm il-bewsa tawk ħutna l-għaxqin u l-kumplament tal-Maltin. Mhux biss biss lilek qalu grazzi l-Għaxqin iżda lil Ġesù u Missieru Puttativ Ġużeppi. Kemm irringrazzjawkom u aħna llum il-ġurnata li kieku naħsbu ftit kemm għaddew minn tbatija għandna għalfejn nibqgħu nirringrazzjawkom.

Marija Assunta kif għaddew sebgħin sena minn din il-ġrajja erġa' eħles lill-Poplu Matli mill-qerda tad-Dorga fost iż-żgħażagħ, tkissir ta' Familji, ġlied bejn l-aħwa, l-abbort Marija tħallihx jersaq lejn xtutna, kompli ħarisna Marija. Nitolbu kif nhar l-Erbgħa 8 t'Awwissu u l-Ħadd 15 t'Awwissu 2010 tkun mixja serpenti u tħares lejn id-djar u lejn Ħal Għaxaq, kif tara l-biddla tiegħu matul iż-żmien, ipproteġina mill-qirda tad-dnub. Nixtieq nawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd. VIVA SANTA MARIJA.



It-talb f'Santa Marija żgur li ma waqaf xejn mill-poplu Malti f'dawk iż-żminijiet ta' tbatija

**Riferenzi:**

www.melbournestar.co.uk
www.maltarightnow.com
www.l-orizzont.com
www.independent.com.mt
Emmanuel Camilleri Operazzjoni Pedestal 'Ġrajja ta' Qlubija'
Rakkont tan-Nannu Rapheal Bartolo u l-immaġinazzjoni tal-Awtur







" Thus in the end five gallant merchant ships out of fourteen got through with their precious cargoes. The loss of three hundred and fifty officers in the Merchant Navy and in the escorting fleet of the Royal Navy was grievous. The reward justified the price exacted. Revictualled and replenished with ammunition and vital stores, the strength of Malta revived"

Winston Churchill

